IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2020
COM(2020) 421 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 5
TAL-BAĠIT ĠENERALI GĦALL-2020

Tkomplija tal-appoġġ għar-refuġjati u għall-komunitajiet ospitanti fil-Ġordan, fil-Libanu u fit-Turkija b'rispons għall-kriżi fis-Sirja

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fis-17 ta' April 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2020[5], adottat fil-15 ta' April 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2020[6], adottat fit-30 ta' April 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2020 tal-baġit tal-2020.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 ĠU L 126, 21.4.2020.
4 ĠU L 126, 21.4.2020.
5 COM(2020) 180, 15.4.2020.
6 COM(2020) 190, 30.4.2020.

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. APPOĠĠ GĦAR-REŻILJENZA TAR-REFUĠJATI U TAL-KOMUNITAJIET OSPITANTI FIL-ĠORDAN U L-LIBANU 3

3. APPOĠĠ UMANITARJU URĠENTI GĦAR-REFUĠJATI FIT-TURKIJA 3

4. FINANZJAMENT 5

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 7

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 5 għas-sena 2020 huwa li jitkompla l-għoti ta' appoġġ lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti b'rispons għall-kriżi fis-Sirja. Taħt l-intestatura 4 tal-QFP *Ewropa Globali*, se jiġu pprovduti EUR 100 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament bħala appoġġ għar-reżiljenza tar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti fil-Ġordan u l-Libanu, filwaqt li EUR 485 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 68 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament se jiġu pprovduti biex jiżguraw it-tkomplija tal-appoġġ umanitarju urġenti lir-refuġjati fit-Turkija.

2. APPOĠĠ GĦAR-REŻILJENZA TAR-REFUĠJATI U TAL-KOMUNITAJIET OSPITANTI FIL-ĠORDAN U L-LIBANU

Fl-2020, il-kunflitt fis-Sirja daħal fl-għaxar sena tiegħu. Mingħajr tmiem immedjat fuq ix-xefaq, din il-kriżi qed tkompli tkun ta' theddida għall-istabbiltà tar-reġjun kollu kemm hu, b'mod partikolari l-pajjiżi ġirien, il-Ġordan u l-Libanu, li qed jospitaw l-akbar għadd ta' refuġjati *per capita* fid-dinja. Iż-żewġ pajjiżi wrew solidarjetà straordinarja mar-refuġjati mill-kunflitt fis-Sirja. Minħabba li diġà qed jissaraw ma' sitwazzjonijiet domestiċi kumplessi, għadhom jeħtieġu l-assistenza minħabba li l-kriżi qed tieħu fit-tul. Il-EUR 214 miljun allokati għall-appoġġ għar-reżiljenza b'rispons għall-kriżi fis-Sirja għal-Libanu u l-Ġordan għall-2020 diġà huma kompletament impenjati. Dment li ma jkunx hemm kundizzjonijiet għal ritorn sikur tar-refuġjati, l-assistenza tal-UE tibqa' essenzjali, u tgħin biex iżżomm l-istabbiltà f'ambjenti kumplessi fil-post. Barra minn hekk, l-impatt tal-COVID-19 żied dimensjoni kumplessa ġdida mas-sitwazzjoni diġà diffiċli tal-pajjiżi li qed jospitaw għadd kbir ta' refuġjati. Il-Libanu qed jaffaċċja kriżi ekonomika u finanzjarja akuta, u l-gvern naqas milli jagħmel rimborż tal-Eurobonds u ħabbar li se jirristruttura l-bonds kollha denominati f'muniti barranin u fil-munita nazzjonali tiegħu. Il-livell attwali tad-dejn huwa madwar 170 % tal-PDG u d-*data* reċenti tindika li l-ekonomija nxtorbot b'6,9 % fl-2019. Fil-Ġordan, il-kriżi tal-COVID-19 aktarx li se timbotta lill-pajjiż minn sitwazzjoni ta' tkabbir dgħajjef għal riċessjoni profonda, li se xxekkel id-domanda domestika u esterna, partikolarment fis-settur tat-turiżmu, li jammonta għal madwar 11 % tal-PDG. Il-kriżi se titfa' wkoll pressjoni fuq in-nefqa pubblika, u se tkompli taggrava l-pożizzjoni fiskali Ġordanjana.

Għaldaqstant, huma meħtieġa urġentement EUR 100 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament biex jiffinanzjaw proġetti fl-oqsma tal-aċċess għall-edukazzjoni, appoġġ għall-għajxien u l-forniment ta' servizzi tas-saħħa, tas-sanitazzjoni, tal-ilma, u tal-iskart, u ta' protezzjoni soċjali lill-komunitajiet ospitanti u lir-refuġjati (refuġjati Sirjani u refuġjati Palestinjani mis-Sirja) fil-Ġordan u fil-Libanu.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
22 04 01 03	Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	100 000 000	100 000 000
Total		**100 000 000**	**100 000 000**

3. APPOĠĠ UMANITARJU URĠENTI GĦAR-REFUĠJATI FIT-TURKIJA

Skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri impenjaw EUR 6 biljun f'assistenza tal-UE lir-refuġjati fit-Turkija f'żewġ segmenti għall-2016–2019, imwassla permezz tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija. Il-pakkett finanzjarju ta' dan il-finanzjament ġie impenjat kollu

kemm hu u l-kuntrattar se jiġi ffinalizzat tul l-2020. L-iżborżi laħqu EUR 3,2 biljun sa tmiem April 2020.

It-tieni segment ta' EUR 3 biljun ġie pprogrammat sabiex jiżgura s-sostenibbiltà tal-Faċilità u teħid tal-kontroll gradwali tal-inizjattivi ffinanzjati mill-Faċilità mill-awtoritajiet Torok. Madankollu, l-awtoritajiet Torok għadhom mhumiex kapaċi jipprovdu assistenza fi flus kontanti lill-iktar vulnerabbli mill-4 miljun refuġjat fit-Turkija fit-terminu medju sa twil. Fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2019, it-Turkija talbet appoġġ mingħand l-UE lil hinn mill-Faċilità biex tappoġġa r-refuġjati. Kien hemm ukoll bosta Stati Membri li talbu li jkomplu jappoġġaw lir-refuġjati fit-Turkija fix-xhur reċenti.

F'dan il-kuntest, hemm ħtieġa urġenti li jingħataw EUR 485 miljun biex jiffinanzjaw it-tkomplija taż-żewġ azzjonijiet ta' appoġġ umanitarju ewlenin tal-UE, ix-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (Emergency Social Safety Net – ESSN) u t-Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (Conditional Cash Transfer for Education – CCTE).

- L-ESSN tipprovdi trasferimenti fi flus lil madwar 1,7 miljun refuġjat u huwa mistenni li l-flus sa jkunu spiċċawlha mhux aktar tard minn Marzu tal-2021. Hemm bżonn EUR 400 miljun biex tiġi estiża sa tmiem l-2021. Bosta kwistjonijiet kumplessi, bħar-reviżjoni tal-kriterji tal-immirar u l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni strateġika għall-programmazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp jeħtieġu konsultazzjoni u koordinazzjoni fil-ħin mal-awtoritajiet Torok u s-Sħab ta' Implimentazzjoni. Għal din ir-raġuni u biex l-ikkuntrattar jitħejja fil-ħin, l-impenn ikollu bżonn isir sas-sajf tal-2020.
- Is-CCTE jipprovdi l-flus lill-familji li t-tfal tagħhom jattendu l-iskola minflok jaħdmu. Il-kuntratt attwali jintemm f'Ottubru 2020. Hemm bżonn EUR 85 miljun urġentement biex il-programm ikun jista' jaħdem għal sena oħra sa tmiem Diċembru 2021.

Il-persunal tal-appoġġ għal dawn iż-żewġ proġetti umanitarji kienu preċedentement iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri taħt il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija. Minħabba li issa qed jiġi propost li t-tkomplija tal-kuntratti jiġu ffinanzjati għalkollox mill-baġit tal-UE, se jkun hemm il-ħtieġa li l-aġenti kuntrattwali involuti direttament fl-implimentazzjoni jkomplu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Huwa stmat li se jkun għad hemm bżonn 15-il aġent kuntrattwali FTE (ekwivalenti full-time) mill-2021 għal tliet snin għall-implimentazzjoni sħiħa u s-segwitu finanzjarju. Il-baġit għal dan il-persunal, u l-għadd tagħhom, se jiġi ggarantit għal dan il-għan fi ħdan in-nefqa għas-sostenn amministrattiv tal-programm.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
23 02 01	Konsenja ta' għajnuna umanitarja u assistenza alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi	485 000 000	68 000 000
Total		**485 000 000**	**68 000 000**

Barra minn hekk, proġetti umanitarji fil-protezzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni fl-emerġenzi se jintemmu fis-sajf tal-2020. EUR 50 miljun se jiġu pprovduti mill-baġit eżistenti tal-2020 għall-għajnuna umanitarja biex dawn l-attivitajiet jitkomplew għal sena oħra.

Qed jintalbu EUR 68 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament sabiex ikopru l-prefinanzjament skont is-CCTE fl-2020.

4. FINANZJAMENT

Il-possibbiltajiet kollha ta' riallokazzjoni taħt l-intestatura 4 *Ewropa Globali* ġew eżawriti. Il-marġni mhux allokat taħt din l-intestatura ta' EUR 103,4 miljun jippermetti l-finanzjament ta' EUR 100 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-appoġġ tar-reżiljenza tal-komunitajiet ospitanti fil-Ġordan u l-Libanu. Il-porzjon li jifdal ta' dan il-marġni (EUR 3,4 miljun) madankollu mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-għajnuna umanitarja urġenti għar-refuġjati fit-Turkija.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Marġni ta' Kontinġenza, l-istrument speċjali tal-aħħar għażla, għall-bilanċ (EUR 481,6 miljun), bi tpaċija korrispondenti mal-marġni disponibbli fl-2020 taħt l-intestatura 5 *Amministrazzjoni* (EUR 16,2 miljun) u l-intestatura 2 *Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali* (EUR 465,3 miljun)[7].

[7] COM(2020) 422, 3.6.2020.

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

Intestatura	Bażit 2020 (inkl. BE 1-3 u ABE 3 sa 4/2020)		Abbozz ta' Bażit Emendatorju 5/2020		Bażit 2020 (inkl. BE 1-2 u ABE 3 sa 5/2020)	
	AI	**AP**	**AI**	**AP**	**AI**	**AP**
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**83 930 597 837**	**72 353 828 442**			**83 930 597 837**	**72 353 828 442**
Limitu massimu	*83 661 000 000*				*83 661 000 000*	
Marġni						
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	25 284 773 982	22 308 071 592			25 284 773 982	22 308 071 592
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*93 773 982*				*93 773 982*	
Limitu massimu	*25 191 000 000*				*25 191 000 000*	
Marġni						
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	58 645 823 855	50 045 756 850			58 645 823 855	50 045 756 850
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*175 823 855*				*175 823 855*	
Limitu massimu	*58 470 000 000*				*58 470 000 000*	
Marġni						
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	**59 907 021 051**	**57 904 492 439**			**59 907 021 051**	**57 904 492 439**
Limitu massimu	*60 421 000 000*				*60 421 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza			*- 465 323 871*		*- 465 323 871*	
Marġni	*513 978 949*				*48 655 078*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 410 105 687	43 380 031 798			43 410 105 687	43 380 031 798
Sottolimitu	*43 888 000 000*				*43 888 000 000*	
Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni	*888 000*				*888 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza			*- 428 351 235*		*- 428 351 235*	
Marġni tal-FAEG	*477 006 313*				*48 655 078*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**7 152 374 489**	**5 278 527 141**			**7 152 374 489**	**5 278 527 141**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 094 414 188*				*1 094 414 188*	
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*2 392 402 163*				*2 392 402 163*	
Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza	*714 558 138*				*714 558 138*	
Limitu massimu	*2 951 000 000*				*2 951 000 000*	
Marġni						
4. Ewropa Globali	**10 406 572 239**	**8 944 061 191**	**585 000 000**	**168 000 000**	**10 991 572 239**	**9 112 061 191**
Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza			*481 572 239*		*481 572 239*	
Limitu massimu	*10 510 000 000*				*10 510 000 000*	
Marġni	*103 427 761*					
5. Amministrazzjoni	**10 271 193 494**	**10 274 196 704**			**10 271 193 494**	**10 274 196 704**
Limitu massimu	*11 254 000 000*				*11 254 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 966 558 138*		*- 16 248 368*		*- 982 806 506*	
Marġni	*16 248 368*					
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 955 303 132	7 958 306 342			7 955 303 132	7 958 306 342
Sottolimitu	*9 071 000 000*				*9 071 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 966 558 138*		*- 16 248 368*		*- 982 806 506*	
Marġni	*149 138 730*				*132 890 362*	
Total	**171 667 759 110**	**154 755 105 917**	**585 000 000**	**168 000 000**	**172 252 759 110**	**154 923 105 917**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***1 094 414 188***	***1 017 029 444***			***1 094 414 188***	***1 017 029 444***
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***2 662 000 000***				***2 662 000 000***	
Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza	***714 558 138***		***481 572 239***		***1 196 130 377***	
Limitu massimu	***168 797 000 000***	***172 420 000 000***			***168 797 000 000***	***172 420 000 000***
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	***- 966 558 138***		***- 481 572 239***		***-1 448 130 377***	
Marġni	***633 655 078***	***18 681 923 527***			***48 655 078***	***18 513 923 527***
Strumenti speċjali oħra	**860 261 208**	**690 998 208**			**860 261 208**	**690 998 208**
Total b'kollox	**172 528 020 318**	**155 446 104 125**	**585 000 000**	**168 000 000**	**173 113 020 318**	**155 614 104 125**